# Il-liġi li tippermetti l-insib għall-għasafar tal-għana titħassar

## Il-ftuħ mill-ġdid ta' staġun paraventu "għar-riċerka xjentifika" seta' jerġa' jwassal biex Malta tispiċċa quddiem il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja

BirdLife Malta għadha kif saret taf li wara d-deċiżjoni tal-bieraħ tal-Kumitat ORNIS li ma jirrakkomandax il-ftuħ ta' staġun tal-insib għall-għasafar tal-għana din is-sena, il-liġi li tippermetti deroga bħal din tħassret ftit sigħat ilu bis-seħħ ta' Avviż Legali 387 tal-2021.

Meta wieħed fil-fatt jipprova jaċċessa l-Qafas Legali, il-ħolqa online tal-Gvern għal-liġi oriġinali tiddikjara li r-regolamenti huma "mħassrin bl-Avviż Legali 387 tal-2021". Il-liġi li nħarġet is-sena l-oħra fil-forma ta' Avviż Legali 399 tal-2020 kienet issettjat il-parametri li permezz tagħhom il-Gvern seta' jiddikjara l-ftuħ tal-istaġun paraventu "b'deroga għar-riċerka xjentifika" dwar seba' speċi ta' għasafar tal-għana. Il-Gvern kien irrikorra għal din id-deroga sabiex jippermetti xorta l-insib għal tal-għana taħt l-iskuża ta' studju xjentifiku, wara l-verdett tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja ta' Ġunju 2018 li kienet sabet li Malta kienet qed tikser id-Direttiva tal-UE dwar l-Għasafar b'rabta mal-insib għall-għasafar tal-għana.

Madanakollu, anke dan l-istaġun paraventu kien wassal lill-Kummissjoni Ewropea biex tieħu azzjoni kontra Malta u fetħet Proċedura ta' Ksur f'Diċembru tas-sena li għaddiet. Ir-rispons tal-Gvern f'Ġunju li għadda biex jipprova jiġġustifika din id-deroga ma wassal imkien u l-Kummissjoni marret pass oltre u bagħtet Opinjoni Motivata lill-Gvern (li hija t-tieni twissija formali, wara l-Ittra ta' Intimazzjoni).

Donnu li sa fl-aħħar issa rebaħ is-sens komun u l-Prim Ministru u l-Kabinett tiegħu jridu jiżguraw li Malta ma terġax tispiċċa quddiem il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja, li jkun l-aħħar pass fil-Proċedura ta' Ksur.

Min-naħa tagħna aħna issa nistennew konferma min-naħa tal-Gvern dwar dan l-aħħar żvilupp tal-lum.

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org

**Ritratti mehmużin:**

- Donnu li l-insib riesaq lejn tmiemu
- Il-liġi mħassra